PARLAMENT TA' MALTA

IT-TNAX-IL LEĠIŻLATURA

# P.L. 7516

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 415 tal-11 ta' Lulju 2016 mill-iSpeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

___________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN - XOGĦOL BARRA MILL-KARIGA TAL-KUMMISSARJI**

**45. L-Onor. Joseph Farrugia jistaqsi lill-Ispeaker:** B'referenza għall-ittra tas-6 ta' Novembru 2012 mill-Ispeaker Michael Frendo lill-Ombudsman Said Pullicino fejn għarrfu li l-Ombudsman u l-Kummissarji ma għandhom jagħmlu ebda xogħol ieħor barra mill-kariga tagħhom għal xi qligħ jew rikompens. Għarrfu wkoll li artikolu 4(3) tal-Att dwar l-Ombudsman japplika wkoll għall-Kummissarji nominati taħt dan l-Att, jista' l-Ispeaker jikkonferma li sussegwentement l-Ombudsman Said Pullicino bagħat memo intern lill-Kummissarji fl-Uffiċċju tiegħu fejn ġibed l-attenzjoni tagħhom għad-direttiva tal-Ispeaker Frendo u wissihom li din kienet tapplika għalihom u li huma kellhom josservawha?

Jekk fl-affermattiv, jista' l-Ispeaker iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dan il-memo intern mill-Ombudsman Said Pullicino lill-Kummissarji?

Jista' l-Ispeaker jinforma lil din il-Kamra jekk fl-Uffiċċju tal-Ombudsman jeżistux *records* bil-miktub li jikkonfermaw li l-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar il-Perit David Pace kien ħa konjizzjoni ta' dan id-dokument u jekk indikax bil-miktub li hu kien se josservah u jimxi fuqu?

20.06.16

**UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN - KUMMISSARJU GĦALL-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**46. L-Onor. Joseph Farrugia jistaqsi lill-Ispeaker:** Fid-dawl tal-ammissjoni tal-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar il-perit David Pace li hu Direttur tal-kumpanija Datum Limited li timpjega lil perit Katia Agius u li tagħmel "xogħol relatat mal-prattika tal-professjoni" tal-perit Pace nnifsu, jista' l-Ispeaker jgħarraf lil din il-Kamra jekk fil-fehma tiegħu dan imurx kontra l-provvedimenti ta' artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Ombudsman (vide artikolu 17C) anke meta jkun ikkunsidrat Kapitlu 386 tal-Liġijiet ta' Malta u l-funzjoni flimkien mar-responsabilitajiet li ġġib magħha l-kariga ta' Direttur ta' kumpanija?

Jista' l-Ispeaker jgħarraf ukoll lil din ii-Kamra jekk bħala Direttur tal-kumpanija Datum Limited, il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar il-perit David Pace ikkonformax ruħu mal-provvedimenti ta' artikolu 4(3) tal-Att dwar l-Ombudsman?

Jekk fl-affermattiv, jista' l-Ispeaker jgħarraf lil din il-Kamra d-data li fiha l-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar il-perit David Pace ta dikjarazzjoni lis-Sedja dwar din il-kariga u d-data li fiha l-Ispeaker ta l-approvazzjoni tiegħu?

Fil-każ li jeżistu dokumenti uffiċjali bid-dikjarazzjoni tal-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar il-perit David Pace u l-approvazzjoni mill-Ispeaker dwar din il-kariga, jistgħu dawn id-dokumenti jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra?

20.06.16

**UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN – KUMMISSARJU GĦALL-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**47. L-Onor. Joseph Farrugia jistaqsi lill-Ispeaker:** In vista tal-ammissjoni tal-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar il-perit David Pace li hu Direttur tal-kumpanija Datum Limited li timpjega perit fuq permessi, applikazzjonijiet għal permessi ta' bini u xogħol ieħor professjonali konness mal-MEPA, jista' l-Ispeaker jgħarraf lil din il-Kamra jekk hu jqisx li din is-sitwazzjoni tikkostittwixxi każ ċar ta' kunflitt ta' interess ladarba l-perit David Pace hu fl-istess ħin Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar bid-dmir speċifiku li jiskrutinizza l-operat ta' din l-istess awtorità?

20.06.16

**SPEAKER:** Bi tweġiba għall-mistoqsija tal-Onor Joseph Farrugia nagħmel referenza għall-ittri mibgħuta mill-Perit David Pace lis-Sedja, datati 17 u 27 ta' Mejju 2016 u li ġew imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra fis-Seduti 390 u 395 tas-17 u t-30 ta' Mejju 2016 rispettivament, u nqiegħed kopja ta' ittra li rċevejt mingħand l-Ombudsman datata 27 ta' Ġunju 2016.

Seduta 415
11.07.16

OMBUDSMAN

MALTA

**OMB/1/8/2**

27 ta' Ġunju 2016

L-Onor. A Farrugia
President tal-Kamra tad-Deputati
Kamra tad-Deputati
Triq ir-Repubblika
Il-Belt Valletta

Nirreferi għall-ittra tiegħek tat-23 ta' Ġunju u nikkummenta kif ġej-

1. Mir-riċerka li għamilt ma jirriżultalix li sar xi *memo* intern mill-predeċessur tiegħi lill-Kummissarji in konnessjoni ma' xogħol li setgħu jagħmlu wara li aċċettaw il-ħatra u dan wara l-ittra li kien bagħatlu l-Onorevoli Speaker Dr. Michael Frendo fis-6 ta' Novembru 2012.

2. Jirriżultali li l-Ombudsman il-Prim Imħallef Emeritu J Said Pullicino informa lill-Kummissarji bil-kontenut ta' dik l-ittra kif ukoll tal-parir li l-Professur Ian Refalo ta lill-Onorevoli Mr Speaker Michael Frendo u li fih ikkonkluda illi *"...l-interpretazzjoni li jagħti l-istess Ombudsman lil dak l-Artikolu 4(2) hija waħda leġittima"*. Qed nehmeż kopja ta' dan il-parir.

3. B'danakollu kien hemm qbil illi kemm l-Ombudsman kif ukoll il-Kummissarji kellhom isegwu l-parir mogħti mill-Onorevoli Speaker.

4. L-Ombudsman Said Pullicino iddiskuta ma' kull wieħed mill-Kummissarji kif kellhom jaġixxu fir-rigward tal-attività professjonali li kellhom.

5. Fir-rigward tal-Kummissarju Pace l-Ombudsman Said Pullicino kien tal-fehma illi:

Office of the Ombudsman : 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 Fax: +356 2124 7924 : Email: office@ombudsman.org.mt www.ombudsman.org.mt

a) fir-rigward tax-xogħol ta' perit tekniku u inkarigi li rċieva mill-Qrati ma kellu jaċċetta ebda inkarigu ġdid u jtemm fl-iqsar żmien possibbli dawk li kellu pendenti u dan b'mod li ma jiġux preġudikati l-partijiet fil-proċeduri;

b) fir-rigward ta' xogħol privat dan kellu jieqaf; ma jiġix aċċettat xogħol ġdid u jittieħdu passi biex il-prattika tiegħu tiġi immexxija minn ħaddieħor; u

ċ) il-Kummissarju kellu naturalment kull dritt illi jsegwi x-xogħol li għalih kien diġà responsabbli b'mod li ma jippreġudikax id-drittijiet professjonali tiegħu f'dan ir-rigward. Kien hemm qbil mal-Kummissarju Pace dwar dawn il-linji gwida.

6. Din il-proċedura tirriżulta konfermata kemm mill-ittra tal-Ombudsman Said Pullicino lill-Onor Speaker Frendo tad-19 ta' Novembru 2012, kif ukoll mill-ittra li bagħatlek il-Kummissarju Pace tas-27 ta' Mejju 2016.

7. Jidher li hemm dubju jekk il-provvediment tal-Artikolu 4(3) tal-Att dwar l-Ombudsman huwiex direttament applikabbli għall-każ taħt eżami billi dan donnu japplika għall-każijiet ta' attività li ssir mhux għall-profitt jew rikompens. F'kull każ nikkonferma li ma jirriżultalix li l-Kummissarju Pace għamel xi talba lill-Ispeaker fit-termini ta' dan is-sub-artikolu.

Finalment, hi l-fehma tiegħi illi fid-dawl ta' din l-inċertezza dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4 hemm lok li jiġu stabbiliti proċeduri u regoli li jipprovdu għall-perijodu ta' transizzjoni li fih l-Ombudsman u l-Kummissarji ikunu jistgħu jirregolaw ruħhom dwar il-prattika professjonali tagħhom b'mod li jiġu rispettati kemm il-kelma kif ukoll l-ispirtu tal-liġi.

Inselli għalik

Anthony C Mifsud
Ombudsman

Encl